**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Arem Mohammed Mohamed**

**Illum 7 ta' Frar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Arem Mohamemd Mohamed** detentur tan-numru tal- Pulizija 19K-056 billi huwa akkuzat talli fis- fis-6 ta' Frar 2020 u jew fil- granet ta' qabel f' Malta iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f' passaport jew dokument, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument, li hu kien taf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkzuat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni

mill-imputat, l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja jew pekunarja stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat Sec 3 u Sec 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u Sec 32(1c) tal-Kap 217 qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur